MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 1713/2010

**EMD Advisory Services Limited**
**(C-27724)**

**vs**

**Malitraco Limited**
**(C-79)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf hames mija u dsatax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,519.25c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi pprovduti lill-istess socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess (vide: fattura hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok.A'). Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda din baqghet

inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali numru 3878/10 u l-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha eccepiet illi fl-ewwel lok ma huwiex minnu li l-attur pprovda lill-esponenti hamsin-(50) siegha xoghol, minn April 2009 sa Marzu 2010 anke peress li l-kumpanija intimata kienet qed tieqaf topera u fil-fatt wara Frar 2009, kellha biss xi zewg impjegati u dana biss sal-perjodu ta’ Mejju 2009;  illi fit-tieni lok is-socjeta’ attrici ma tatx servizzi sal-31 ta’ Marzu, 2010, tant hu hekk li hi rrifjutat li tipprovdi lill-esponenti b’*trial balance* ghas-sena 2009 u l-esponenti kellu jqabbad lil terzi sabiex jaghmlu dan ix-xoghol; illi x-xoghol maghmul mill-atturi kien tardiv u negligenti tant li kien fih numru ta’ zbalji.  Jigi rilevat ukoll li s-socjeta’ attrici ghamlet zball meta kienet giet biex tikkalkula l-kontribuzzjonijiet tal-NI;  illi r-risultat ta’ l-izbalji attrici kien li l-Kummissarju tat-Taxxi impona fuq l-esponenti numru ta’ penalitajiet u imghaxijiet.  Ghalkemm l-esponenti qieghed jikkontesta l-imposizzjoni ta’ dawn il-penalitajiet, huwa qieghed izomm is-socjeta’ attrici responsabbli ghad-danni kollha li jista’ jgarrab minhabba x-xoghol negligenti u kontra s-sengha u l-arti taghha;  illi s-servizz rez mis-socjeta’ attrici ma giex rez skond is-sengha u l-arti;  salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-rikors tas-socjeta’ konvenuta datat 27 ta’ Dicembru, 2011 ghan-nomina ta’ Espert Tekniku;  Ra r-risposta tas-socjeta’ attrici datata 30 ta’ Jannar, 2012;  Ra d-digriet datat 13 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu t-talba tas-socjeta’ konvenuta giet milqugha.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu l-inkarigu tal-Espert Tekniku gie sospiz. Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Marzu, 2012, li permezz tieghu s-

socjeta' konvenuta rtirat it-talba taghha ghan-nomina ta' Espert Tekniku.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta ghal-servizzi ta' *accounting* rezi fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta. Illi l-fattura relattiva, u li in forza taghha qed jigi mitlub il-hlas, taghmel referenza ghall-perjodu bejn l-1 ta' April, 2009 sal-31 ta' Marzu, 2010. Madanakollu, permezz ta' affidavit li gie pprezentat mis-socjeta' attrici tal-accountant li wettaq ix-xoghol in kwistjoni, gie dikjarat illi x-xoghol li ghalih qed issir referenza jirrigwarda *accounting* li sar ghas-sena finanzjarja li tghalaq f'Dicembru 2008. Illi dan l-ammont jirraprezenta hamsin-(50) siegha xoghol, li kien jikkomprendi li jsiru xi *entries* fil-kotba tan-negozju relattivi, jigu mhejjija u sottomessi l-VAT *returns* tas-sena 2008, u jigu mhejjija *trial balances* fuq bazi mensili tul is-sena 2008. Illi s-socjeta' attrici bdiet tirrendi s-servizzi taghha lis-socjeta' attrici fl-2002, u baqghet sejra sal-bidu tal-2009. Illi saret referenza ghall-email li ntbaghtet mid-direttur tas-socjeta' konvenuta, datata 28 ta' Mejju 2010 ( a fol.17) skond liema e-mail, l-istess direttur accetta li ser ihallas il-kont pendenti hekk kif jikkompleta t-*trial balance* ghas-sena 2009.

Illi s-socjeta' konvenuta, tramite tad-direttur taghha, u xhud imressaq minnha, qed tikkontendi li l-ammont mhux dovut ghaliex is-socjeta' attrici ma wettqet ebda xoghol fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta fil-perjodu ndikat fil-fattura, dan oltre l-fatt, illi fl-2008, sar xi tibdil fix-*shareholding* tas-socjeta' konvenuta u naqsu l-impjegati taghha. Illi z-zewg xhieda kkonfermaw illi s-socjeta' attrici wettqet xoghol ta' *accounting* fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta sal-bidu tal-2009. Anzi jiddikjaraw illi b'effett

minn Frar 2009 sa Dicembru 2009, is-socjeta' konvenuta kienet qedha tuza s-servizzi ta' accountant iehor.

Illi skond id-direttur tas-socjeta' konvenuta u x-xhud imressaq minnha, l-istess socjeta' konvenuta qed tikkontesta t-talba ghall-hlas tas-socjeta' attrici ghaliex mhux minnu li l-accountant impjega hamsin-(50) siegha xoghol f'sevizzi ta' accounting, oltre illi saru xi zbalji fil-Final Settlement System Forms li ntbaghtu lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, bil-konsegwenza illi l-impjegati rcivew avviz ghall-hlas ta' multa, u dawn il-formoli kellhom jigu sottomessi mill-gdid. Illi dawn il-formoli ghas-sena 2009, kif ukoll *bank reconciliations* u t-*trial balance* eventwalment saru mid-direttur tas-socjeta' konvenuta u minn persuni ohra impjegati mieghu, u ghalhekk is-socjeta' attrici m'ghandhix tithallas ghal servizzi li naqset milli tirrendi, jew li naqset milli twettaq kif tirrikjedi s-sengha.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta' attrici kjarifikat – tramite tad-deposizzjoni ta' Stephen Balzan – illi l-ammont reklamat minnha a bazi tal-fattura pprezentata minnha, huwa ghal xoghol li allegatament sar minnha tul l-2008, liema informazzjoni, madanakollu, giet trasmessa lill-awtoritajiet koncernati permezz ta' diversi formoli li jigu sottomessi lil Dipartimenti differenti fis-sena sussegwenti. Il-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghat-talba ghall-hlas li saret mis-socjeta' attrici hja bbazata fuq diversi premessi, li fis-sostanza jistghu jigu rakkolti fid-difiza illi s-socjeta' attrici ma pprestat ebda servizzi fiz-zmien imsemmi fil-fattura, u anke dawk is-servizzi li gew ipprestati minnha lejn l-ahhar tal-2008 u bidu tal-2009, ma sarux skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti.

Illi s-socjeta' attrici pprezentat diversi dokumenti, ossia *print out* ta' *entries* li allegatament saru minnha tul l-2008 in konnessjoni ma' pagamenti u transazzjonijiet ohra li saru f'din is-sena, oltre l-*bank reconciliations*, u dan in sostenn tad-dikjarazzjoni li saret minnha, li l-ammont mitlub jirraprezenta l-valur ghal hamsin-(50) siegha

xoghol. Illi s-socjeta' attrici ma elaboratx fuq din id-dikjarazzjoni, u lanqas is-socjeta' konvenuta ma talbet ebda kjarifika in rigward, izda qed tikkontendi biss illi s-socjeta' attrici ma mpjegatx dawk is-sieghat ta' xoghol, u li anke li kieku sar dan, ix-xoghol ma sarx kif tirrikjedi s-sengha.

Illi dwar dan kollu, is-socjeta' konvenuta ma ghamlet ebda referenza fl-e mail taghha datata 28 ta' Mejju 2010, izda ghamlet biss referenza ghall-fatt illi kienet qieghdha thejji t-*trial balance* ghas-sena 2009, u li kienet ser twettaq il-hlas wara li jsir dan. Illi ghalhekk, jidher illi sa dak l-istadju, s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda ilment dwar ix-xoghol li kien sar mill-impjegat tas-socjeta' attrici, ghaliex altrimenti, kien jigi rilevat.

Illi mill-atti u l-provi li gewipprezentati mill-partijiet ma jirrizultax (i) xi ftehim kien hemm bejn il-partijiet dwar ir-rati li in bazi taghhom kellhom jithallsu s-servizzi pprestati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u (ii) ezattament x'ikopri l-ammont reklamat in forza ta' din l-azzjoni, u (iii) x'kienu l-ahhar servizzi li gew ipprestati mis-socjeta' attrici, qabel dawk mertu ta' din il-kawza, li ghalihom is-socjeta' konvenuta wettqet il-hlas. Prova dwar dan il-punt tal-ahhar kien jikkjarifika t-talba tas-socjeta' attrici dwar il-perjodu li ghalih qed jintalab hlas ghal servizzi rezi. Daqstant iehor, kien ikun utili illi jigi pprezentat xi forma ta' ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet dwar ir-rati applikabbli ghax-xoghol li kellu jsir mis-socjeta' attrici.

Illi huwa evidenti, mill-atti processwali, 'lli s-socjeta' konvenuta ma kienitx aktar kuntenta bis-servizzi li kienet qedha tippresta s-socjeta' attrici. Izda fil-fehma tat-Tribunal, l-ilmenti tas-socjeta' konvenuta dwar in-nuqqasijiet fis-servizzi rezi mis-socjeta' attrici, ma gewx sodisfacentement issostanzjati, u ghalhekk it-Tribunal mhux konvint illi ebda ammont m'ghandu jkun dovut. Minnaha l-ohra, u minkejja l-kontestazzjoni li ressqet is-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici wkoll naqset milli tissostanzja t-talba taghha, u strihet unikament fuq il-fattura rilaxxjata minnha u l-*print out* ta' *entries* li

allegatament saru mill-accountant taghha sabiex tipprova li l-ammont mitlub huwa dovut.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal ser jghaddi sabiex *arbitrio boni viri* jillikwida ammont li huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici, u dan in bazi tal-fatt illi t-Tribunal ma jeskludix illi s-socjeta’ attrici kienet ipprestat servizzi lis-socjeta’ konvenuta li kienet ghadha ma thallsitx ghalihom; madanakollu, l-ammont reklamat – minghajr spjegazzjoni adegwata dwar f’hix jikkonsisti – jidher eccessiv, jekk dak li qed jintalab hlas ghalih huwa l-*entries* li saru f’sistema komputerizzata, kif jirrizultaw mid-dokumenti li kumplessivament jinsabu a fol.28 tal-atti.
Illi ghalhekk it-Tribunal *arbitrio boni viri* qed jillikwida l-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sebgha mija u hamsin ewro (€750).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta, qed jilqa’ in parte t-talba tas-socjeta’ attrici, u qed jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u hamsin ewro (€750), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------